**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 8 ta'April 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 631/2023 JPG**
**Kawza nru.: 21**

**MG**
**Vs**
**AG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici datat 29 ta' Novembru 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi hija zzewwget lill-intimat AG nhar it-23 t'April tas-sena 2005 (23/04/2005) fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Maria, l-Qrendi liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni erba' mija u wiehed tas-sena elfejn u hamsa (401/2005) kif iccertifikat mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed u cioe' K illi twieled nhar X u ghalhekk illum ghandu X-il sena;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Malcolm Camilleri tat-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (18/09/2015) li kopja tieghu tinsab hawn unita u mmarkata Dok B;*

4. *Illi r-rikorrenti qieghda tiddikjara illi l-manteniment huwa regolat permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness;*

5. *Illi r-rikorrenti minn dejjem kellha u ghad ghandha residenza ordinarja taghha f'Malta;*

6. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal tmien (8) snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet MG u AG, u ghalhekk ir-rikorrenti MG titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:*

   I. *Tiddikjara li z-zwieg tar-rikorrenti li gie iccelebrat ma' AG nhar it-23 t'April tas-sena 2005 (23/04/2005) fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Maria, l-Qrendi liema zwieg huwa iskrizzjoni erba' mija u wiehed tas-sena elfejn u hamsa (401/2005) hu mahlul, u li ghalhekk l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

   II. *Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'Z';*

   III. *Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 8 ta' Frar 2024, a fol 19 li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok l-esponent qed jaghti ruhu b'notifikat bir-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti sabiex jkun ippronunzjar d-divorzju bejn il-kontendenti kif ukoll bl-avviz tal-appunatment tal-kawza.*

2. *Illi fit-tieni lok l-esponent ma ghandu ebda oggezzjoni li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja id-divorzju taz-zwieg taghhom stante li ilhom aktar seba snin separati minn xulxin u ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejniethom.*

Rat illi l-intimat deher assistit fis-seduta tat-8 ta' Frar 2024 li ta ruhu b'notifikat bl-atti processwali;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit DOK C fol 12)** illi l-partijiet izzewgu nhar it-23 ta' April 2005 u minn dan iz-zwieg twieled tifel. Sostniet illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Camilleri datat nhar 18 ta' Settembru 2015. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**AG xehed (vide fol 22)** u konfermat u kkorrabora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment***

***adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' April 2005 liema zwieg jgib certifikat numru 401/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Malcolm Camilleri datat 18 ta' Settembru 2015 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 401/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Z u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**